**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Novembru, 2017

Rikors Nru : 250/13 AL

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti CB tal-1 ta' Frar 2017, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-esponent ghaddej fi proceduri ta' separazzjoni minn ma' l-attrici AB.

Illi l-esponent u l-attrici ilhom ma jirrisjedux flimkien sa' mill-bidu tas-sena 2013.

Illi ghalhekk, l-partijiet ilhom erba' snin ma jirrisjedux flimkien, u ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni.

Illi apparti minn hekk, l-ulied tal-partijiet huma kollha maggorenni u kollha kemm huma ghanhom impjieg fiss *full-time.*

Illi lanqas ma hemm kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet u ghalhekk, ir-rekwiziti ta' l-artiklu 66B tal-Kodici Civili huma kollha sodisfatti.

Illi l-esponent jirreferi ghall-kawza ta' separazzjoni li diga' hemm ipprezentata liema kawza ggib in-numru 250/13 fejn huwa konvenut,  u ai finijiet ta' l-artiklu 66F(4) tal-Kodici Civili, l-esponent qieghed jikkonferma dan ir-rikors bil-gurament.

Illi l-esponent ser jaghmel uzu mill-artiklu 66F tal-Kodici Civili b'dan illi huwa ser jitlob li din il-kawza titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex  :

Ai termini ta' l-artiklu 66F tal-Kodici Civili, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini tal-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimata Vincenzina Calleja, li permezz taghha tiddikjara :

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti m'hiex qed tirrinunzja ghad-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut, u f'dan ir-rigward hija taghmel referenza ghar-rikors guramentat intavolat mill-esponenti fl-atti tal-kawza nhar is-26 ta' Novembru 2013, fejn l-esponenti talbet, fost affarijiet ohra, lil din il-Qorti sabiex "….Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u l-minuri fuq imsemmi ….";
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tiddikjara illi ir-rekwiziti skont l-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti stante illi l-partijiet ghaddejjin minn separazzjoni personali quddiem din il-Qorti, u m'ghandha l-ebda oggezzjoni li din il-kawza

titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju, u ghalhekk ma topponix ghat-talba tal-konvenut ghall-hall taz-zwieg;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti CB irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati sa mill-bidu tas-sena 2013 u bhalissa ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni legali;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dawn l-atti sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;